MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2020

Rikors Maħluf Numru 794/2017 LM

**Larry Abela (K.I. Numru 367876M)**

***vs.***

**Malta Freeport Terminals Ltd (C27581); u**
**Carmel Camilleri (K.I. Numru 376759M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-1 ta' Settembru, 2017, mill-attur **Larry Abela** (K.I. Numru 367876M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Premess illi r-rikorrent huwa impjegat mas-soċjetà intimata u ċioé s-soċjetà Malta Freeport Terminals Limited;*
2. *U premess illi f'inċident li r-rikorrent kellu fuq il-post tax-xogħol, nhar is-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015), matul il-qadi tad-doveri tiegħu, ir-rikorrent weġġa' u konsegwenza ta' liema inċident ir-rikorrent sofra*

*danni inklużi, iżda mhux limitati, għal danni relatati ma' debilità permanenti kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' din il-kawża;*

3. *U premess illi b'riżultat dirett tal-imsemmi inċident, ir-rikorrent sofra telf ta' qligħ, diżabilità permanenti u danni konsegwenzjali;*

4. *U premess illi l-imsemmi inċident seħħ unikament b'tort, b'negliġenza, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti inkluż dawk relatati mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol da parti tal-intimati jew min minnhom;*

5. *U premess illi għalkemm l-intimati ġew interpellati sabiex jgħaddu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti mir-rikorrent anke permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili bin-numru 1477/17, kopja annessa u mmarkata bħala Dok. LA1, l-intimati baqgħu inadempjenti;*

*Għalhekk, jgħidu l-intimati għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni oħra neċessarja:*

1. *Tiddikjara lill-intimati, jew min minnhom, unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fuq il-post tax-xogħol nhar is-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) f'liema inċident korra r-rikorrent;*

2. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent b'konsegwenza tal-inċident imsemmi;*

3. *Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż kollha, inklużi l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali surriferita bin-numru 1477/17 preżentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kontra s-soċjetà intimata li qiegħda minn issa tiġi inġunta għas-subizzjoni u bir-riserva għal kull azzjoni fil-liġi, bl-imgħax skont il-liġi.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Malta Freeport Terminals Ltd** (C 27581) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), li ġiet ippreżentata fit-3 ta' Ottubru, 2017, u maħlufa mill-Avukat Duncan Borg Myatt, debitament awtorizzat, li biha eċċepiet:

1. *Preliminarjament, illi s-soċjetà eċċipjenti m'għandha ebda responsabbilità għall-akkadut;*

*2. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-eċċipjenti dejjem ottemperat ruħha mal-liġi u ma naqset mill-ebda obbligu tagħha u kwindi ma tistax tinżamm responsabbli għall-allegati danni;*

*3. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, is-soċjetà esponenti pprovdiet sorveljanza adegwata fuq il-post tax-xogħol u għalhekk ma naqsitx milli tiżgura* a safe system of work *u/jew* a safe work environment *skont l-obbligi u d-dmirijiet tagħha ai termini tal-Liġi;*

*4. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikorrent irid jipprova l-allegati danni sofferti minnu;*

*5. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

*6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*In sostenn ta' dawn l-eċċezzjonijiet, is-soċjetà esponenti tiddikjara:*

1. *Illi l-attur huwa impjegat mas-soċjetà Malta Freeport Terminals Limited;*
2. *Illi Malta Freeport Terminals Limited qatt ma naqset mill-obbligi tagħha sabiex tiżgura* a safe sysem of work *u/jew* a safe work environment;
3. *Illi l-eċċipjenti bl-ebda mod ma kienet negliġenti jew naqset milli tħares regolamenti relatati mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol;*
4. *Illi kwindi, l-istess eċċipjenti m'għandha l-ebda responsabbilità għall-inċident li seħħ fis-17 ta' Settembru 2015 u li ta lok għal din il-kawża.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Carmel Camilleri** (K.I. Numru 376759M), (minn issa 'l quddiem "il-konvenut") li ġiet ippreżentata fit-3 ta' Ottubru 2017, u maħlufa minn Carmel Camilleri nnifsu, li biha eċċepixxa:

1. *Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess stante illi huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u dana peress illi l-inċident mertu tal-kawża* de quo *ma seħħx għal raġunijiet imputabbli lill-esponenti u dan kif ser jiġi ppruvat waqt il-ġbir tal-provi u t-trattazzjoni tal-kawża;*
2. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Jannar, 2020, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza li qiegħda tingħata llum.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-attur u mis-soċjetá konvenuta Malta Freeport Terminals Limited.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

L-attur huwa impjegat tal-Malta Freeport Terminals Limited, li xogħlu jinvolvi s-sewqan ta' diversi inġenji tal-Freeport fit-*terminals*. L-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ fis-17 ta' Settembru, 2015, meta l-attur kellu inċident bil-vettura li kien qiegħed isuq waqt il-qadi ta' dmirijietu, u konsegwenza ta' dan l-inċident l-attur sofra danni permanenti. Permezz ta' dawn il-proċeduri, l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli għal dan l-inċident minħabba f'negliġenza, imperizja u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti, u kif ukoll qiegħed jitlob lil din il-Qorti tillikwida d-danni u tikkundanna lill-konvenuti għall-ħlas tal-istess.

Is-soċjetà konvenuta, fir-risposta tagħha eċċepiet li hija m'għandha ġġorr l-ebda responsabbilità għall-akkadut, għaliex hija dejjem ottemperat ruħha mal-liġi u ma naqset mill-ebda wieħed mill-obbligi tagħha fil-konfront tal-attur. Qalet li hija dejjem ipprovdiet sorveljanza adegwata, u dejjem assigurat li l-ħaddiema tagħha qegħdin jaħdmu f'ambjent sigur.

Il-konvenut Camrelo Camilleri qal ukoll li t-talbiet tal-attur għandhom jiġu respinti fil-konfront tiegħu għaliex l-inċident ma seħħx għal raġunijiet imputabbli lilu.

## **Provi u riżultanzi**

Flimkien mar-rikors promutur tiegħu, l-attur ippreżenta kopja tal-ittra uffiċjali ppreżentata minnu fid-19 ta' April, 2017, li permezz tagħha interpella lis-soċjetà konvenuta u lill-konvenut Carmel Camilleri jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti minnu konsegwenza ta' dan l-inċident[1], kopja tar-rapport redatt mill-konsulent tan-neuroloġija Dr Anthony Galea Debono datat 2 ta' Diċembru, 2016[2], u kopja tar-rapport redatt minn Mr Francis X. Darmanin, konsulent tal-kirurġija plastika, datat it-28 ta' Ottubru, 2016.[3] Dr Galea Debono fir-rapport tiegħu kkonstata li l-attur mar għandu wara inċident li kellu fuq il-post tax-xogħol, fejn wara l-impatt li kellu, baqa' jsofri minn uġigħ f'rasu, li jgħid li jesperjenza diversi drabi matul il-ġurnata. L-espert mediku Dr Galea Debono kkonstata li d-diżabilità sofferta mill-attur mill-aspett neuroloġiku hija ta' tnejn fil-mija (2%), filwaqt li l-ġrieħi f'wiċċu jwasslu għal diżabilità estetika ta' wieħed fil-mija (1%). Huwa kkonkluda li t-total ta' diżabilità permanenti sofferta mill-attur hija ta' tlieta fil-mija (3%). Mir-rapport ippreżentat minn Mr Francis X. Darmanin jirriżulta li wara li eżamina lill-attur, dan wasal għall-konklużjoni li l-attur qiegħed isofri minn diżabilità permanenti ta' wieħed fil-mija (1%).

---

[1] *A fol.* 6 tal-proċess.
[2] *A fol.* 8 tal-proċess.
[3] *A fol.* 10 tal-proċess.

L-attur, fl-*affidavit* tiegħu[4] qal li huwa jaħdem fil-Malta Freeport Terminals, fejn ix-xogħol tiegħu jinvolvi sewqan tat-*tugs,* sewqan tal-*empty handler,* li huwa tip ta' *lifter* li jerfa' l-*containers* il-vojta, sewqan tal-*lifters* li jerfgħu l-*containers* mimlija u *cranes* magħrufa bħala RTG. L-attur qal li huwa kien involut f'inċident li seħħ fis-17 ta' Settembru, 2015, fejn kien qiegħed jaħdem fix-*shift* ta' billejl bl-*empty handler* f'Terminal 2. Huwa spjega li dakinhar li seħħ l-inċident huwa kien lesta x-xogħol li kellu, u għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs ta' filgħodu beda jsuq fid-direzzjoni ta' Terminal 1. Qal li kien saq madwar tmenin (80) piedu kien għadu f'Terminal 2 tal-Freeport, meta min-naħa l-oħra tat-triq ġie *truck* li kien qiegħed jinstaq b'veloċità qawwija, li minkejja li kien qiegħed javviċina lill-attur, ma naqqas xejn mill-veloċità li kien għaddej biha, bil-konsegwenza li baqa' dieħel fl-attur. L-attur qal li min kien qiegħed isuq it-*truck* ma rahx għax dan ma naqqas xejn mill-veloċità li kien qiegħed isuq biha, u minkejja li l-attur ipprova jżomm il-*brake* u jnaqqas il-veloċità, xorta waħda seħħ l-impatt. Qal li dak il-ħin hu ħass ħruq in-naħa tal-lemin ta' rasu, u fil-pront mar fuqu x-*shift leader,* ċertu Charlie Tanti, li qallu li kien ra t-*truck* dieħel ġo fih. L-attur qal li kien Charlie Tanti li għenu jinżel minn ġot-*truck*, u s-sewwieq tat-*truck* li baqa' dieħel ġo fih, Charlie Camilleri, lanqas biss indenja ruħu jmur jara x'kien ġralu. L-attur qal li fil-ħin tal-inċident huwa kien liebes is-*safety shoes* li tipprovdilu l-kumpannija. Kompla jgħid li wara l-inċident kien Charlie Tanti li għenu jinżel mill-*empty handler* u għenu jidħol f'vettura sabiex jieħdu lejn il-klinika tal-Freeport. Qal li wara li rah l-infermier tal-klinika fil-Freeport, hu ttieħed lejn iċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid, fejn sarulu xi punti f'wiċċu. Qal li mal-impatt huwa qasam rasu fuq in-naħa tal-lemin, weġġa' koxxtu tal-lemin minħabba li l-*joy stick* baqgħet dieħla f'saqajh, u

[4] *A fol.* 23 tal-proċess.

weġġa' wkoll il-minkeb u n-naħa tax-xellug ta' rasu. Kompla jispjega kif madwar jumejn wara li seħħ l-inċident huwa kellu jmur l-isptar minħabba li beda jħoss uġigħ ta' ras qawwija. Qal li mill-isptar huwa ngħata pilloli għall-uġigħ, filwaqt li kien dam madwar tliet ġimgħat ma jmurx xogħol. Kompla jgħid li meta beda għaddej iż-żmien u ra li l-uġigħ ta' ras ma naqaslux, kien iddeċieda li jara speċjalisti fil-privat, fosthom lil Mr Zrinzo, Mr Francis X. Darmanin u Dr Galea Debono, fejn ġie stabbilit li kien qiegħed ibati minn *post concussional syndrome,* xi ħaġa li ser jibqa' jbati biha għal żmien indefinit. Qal li minkejja li huwa ngħata pilloli għall-uġigħ, dawn ftit li xejn qegħdin iħallu effett fuqu, u l-uġigħ li jħoss qiegħed jaffettwalu diversi aspetti ta' ħajtu, fosthom il-ħajja mal-familja u l-ħajja soċjali. Qal li r-relazzjoni mal-familja tiegħu qiegħda tiġi affettwata, minħabba li l-istorbju sar idejqu u għalhekk kellu jnaqqas ħafna mill-ħin li jqatta' jilgħab mat-tfal tiegħu. L-attur ikkonkluda billi qal li hu m'għandu l-ebda ħtija għall-inċident inkwistjoni.

Waqt l-udjenza tat-13 ta' Novembru, 2017, xehed **Dr Duncan Borg Myatt**[5], li qal li hu d-direttur tat-taqsimiet tar-riżorsi umani, legali u tal-assigurazzjoni tas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud spjega li kull inċident li jiġri fil-Freeport jiġi rreġistrat min-naħa tal-uffiċjali tas-sigurtà li mhumiex ħaddiema tal-Malta Freeport Terminals Limited iżda ħaddiema tal-Malta Freeport Corporation, li xogħolhom huwa li jħejju rapport dwar dak li jkun ġara.[6] Qal li l-inċident kien jinvolvi ħabta bejn żewġ inġenji li jintużaw fil-Freeport, wieħed minnhom *tug* bit-*trailer* li kien qiegħed jinstaq minn Charlie Camilleri, u l-ieħor kien *empty handler,* li huwa tip ta' *forklifter,* li kien qiegħed jinstaq mill-attur. Ix-xhud qal li kienet saret laqgħa bejnu u bejn l-attur bil-ħsieb li jkun jista' jintlaħaq ftehim

[5] *A fol.* 32 tal-proċess.
[6] Kopja tar-rapport esebit *a fol.* 38 tal-proċess.

amikevoli bejn il-partijiet, u huwa kien issuġġerixxa li l-attur jiġi eżaminat minn tobba oħrajn, wara li dan qal li kien qiegħed ikollu ħafna uġigħ f'rasu. Ix-xhud qal li huwa għamel dan is-suġġeriment minħabba l-biżgħa li l-attur jista' jkun qiegħed jipperikola ħajtu u ħajjet ħaddieħor jekk ikollu xi episodju ta' uġigħ ta' ras waqt li jkun qiegħed jaħdem. Ix-xhud qal li Carmelo Camilleri mhux impjegat tal-Malta Freeport Terminals Limited, iżda hu *self-employed,* u għalhekk ma kienx hemm lok fejn jittieħdu passi dixxiplinarji kontra tiegħu min-naħa tal-Freeport.

Waqt l-udjenza tal-10 ta' Jannar, 2018, xehed **Joe Cutajar**[7], li qal li hu għandu l-kariga ta' *deputy senior* fuq l-uffiċjali tas-sigurtà fil-Freeport, u huwa impjegat ma' Malta Freeport Terminals Limited. Qal li dakinhar li seħħ l-inċident, huwa kien ġie infurmat mix-*shift leader* Charlie Tanti, li kien hemm inċident fit-*terminal* u għalhekk kien mar fuq il-post fejn seta' jara *lifter* wieqaf u t-*truck* li baqa' dieħel ġo fih. Qal li t-*truck* kien qiegħed jinstaq minn Charlie Camilleri, filwaqt li Larry Abela kien qiegħed isuq il-*lifter.* Ix-xhud qal li dakinhar li seħħ l-inċident, Charlie Camilleri ma kienx qallu x'ġara, iżda l-konvenut kien intbagħat id-dar minħabba l-biżgħa li persuna li tkun involuta f'inċident fil-Freeport, tkun panikuża u ma tkunx tista' taħdem b'mod seren. Ix-xhud qal li wara l-inċident Charlie Camilleri kien qallu li qabel ma baqa' dieħel fl-attur, huwa kien intilef minn sensih. Żied jgħid li mad-daqqa, beda ħiereġ id-demm minn ras l-attur, u minn hemmhekk dan kien ittieħed fil-klinika tal-Freeport sabiex jiġi mdewwi. Ix-xhud qal li l-verżjoni mogħtija lilu mill-attur kienet li meta hu ra t-*truck* sejjer fid-direzzjoni tiegħu, huwa waqaf ma' ġenb, iżda t-*truck* baqa' dieħel fih. Ix-xhud qal li t-*truck* kien qiegħed

[7] *A fol.* 44 tal-proċess.

jinstaq mid-direzzjoni opposta, u mal-impatt dan spiċċa fl-istess karreġġjata tal-*forklifter.*

Waqt l-udjenza tad-9 ta' April, 2018, xehed **Charles Tanti**[8], li qal li huwa *yard supervisor* fil-Malta Freeport Terminals, u x-xogħol tiegħu jinvolvi li huwa jdur bil-karozza u jagħmel superviżjoni ta' dak li jkun qiegħed jiġri fil-bitħa. Qal li dakinhar li seħħ l-inċident li kien involut fih l-attur, huwa kien għaddej b'kumbinazzjoni wara t-*truck* li ħabat mal-attur, meta għal xi raġuni t-*truck* "swervja" lejn in-naħa tal-lemin, bil-konsegwenza li laqat il-*lifter* li kien qiegħed isuq l-attur. Spjega li ż-żona fejn seħħ dan l-inċident hija żona li tinħadem bl-*empty handler* u hija l-parti li tmiss mal-baħar in-naħa ta' Kalaxlokk. Ix-xhud qal li huwa kien l-ewwel persuna li ta l-għajnuna dak il-ħin u l-ewwel ħaġa li għamel kienet li staqsa lill-konvenut Charlie Camilleri jekk kellux bżonn xi ħaġa. Qal li dak il-ħin il-konvenut kellu xokk u kien "naqra *drowsy*". Qal li l-attur kellu xi demm f'rasu, u dak il-ħin huwa avża lid-*duty manager* u lis-*security guards* biex jieħdu ħsieb jagħmlu rapport dettaljat ta' dak li kien ġara. Ix-xhud qal li huwa kien qiegħed isuq eżatt wara l-konvenut Charlie Camilleri u għalhekk ma kienx f'pożizzjoni li jikkonferma jekk l-attur għamilx xi manuvra biex jipprova jevita l-impatt. Qal iżda li huwa jista' jikkonferma li l-konvenut żvijja waqt is-sewqan, bir-riżultat li seħħ l-inċident. Ix-xhud qal li wara dan l-inċident kien sar bord tad-dixxiplina, u kienu ttieħdu miżuri dixxiplinarji fil-konfront ta' Charlie Camilleri. Ix-xhud ikkonferma li l-konvenut Charlie Camilleri mhux ħaddiem tal-Freeport, iżda huwa *self-employed* u jagħti servizz lill-ħaddiema tax-Xatt.

---

[8] *A fol.* 57 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tat-3 ta' Ottubru, 2018, xehed **Dr Anthony Galea Debono**[9], li qal li l-attur qiegħed isofri minn diversi sintomi wara trawma fir-ras, prinċipalment minn uġigħ ta' ras u problemi ta' memorja. Ix-xhud qal li huwa seta' jikkonstata li l-attur qiegħed isofri minn disturbi fil-memorja wara li tkellem ma' familjari tiegħu. Ix-xhud ippreżenta rapport mediku aġġornat[10], fejn wara li għamel riferiment għall-ewwel rapport mediku tiegħu, qal illi meta eżamina lill-attur it-tieni darba, dan kien akkumpanjat minn martu, li infurmatu li b'żieda mas-sintomi li l-attur kellu fl-ewwel vista li kellu, kien qiegħed isofri minn disturbi fil-memorja, u dan il-fatt kien ġie innutat anki mill-kollegi tiegħu. Ix-xhud qal li mart l-attur kienet infurmatu li l-attur kien qiegħed jistaqsi l-istess mistoqsija diversi drabi, u ma kienx qiegħed jiftakar li jkun diġà ngħata risposta għad-domandi tiegħu. Qal li din hija problema komuni f'persuni li jkollhom trawma f'rashom, u in vista ta' din l-informazzjoni, huwa kien qiegħed jirrevedi l-perċentwal ta' diżabilità permanenti sofferta mill-attur għal ħamsa fil-mija (5%). Qal li meta wieħed jieħu l-*weighted average* tad-debilitajiet kollha li qiegħed isofri minnhom l-attur skont il-formula stabbilita, wieħed jasal għal diżabilità permanenti fil-grad ta' tmienja fil-mija (8%).

Waqt l-udjenza tas-7 ta' Novembru, 2018, reġa' xehed **Dr Duncan Borg Myatt**[11], sabiex jesebixxi żewġ ritratti li ttieħdu dakinhar li seħħ l-inċident, u li juru l-istat li spiċċaw fih iż-żewġ vetturi involuti fl-inċident.[12]

---

[9] *A fol.* 71 tal-proċess.
[10] *A fol.* 73 tal-proċess.
[11] *A fol.* 80 tal-proċess.
[12] *A fol.* 84 *et seq.* tal-proċess.

Mart l-attur, **Romina Abela**, fl-*affidavit* tagħha[13] qalet li qabel seħħ l-inċident, ir-raġel tagħha ma kellu l-ebda problemi fiżiċi, u qatt ma kellu problemi ta' memorja. Qalet li wara l-inċident, ir-raġel tagħha beda jinsa anki affarijiet li huma parti mir-rutina tal-familja tagħhom, u li jsiru minnhom ta' kuljum. Żiedet tgħid li l-attur mhux jiftakar lanqas ċertu safar li l-familja għamlet flimkien, u postijiet li żaru, u jkun hemm drabi meta jmeriha jekk hija tipprova tfakkru.

Waqt l-udjenza tas-7 ta' Novembru, 2018 xehed **David Saliba**[14], li qal li huwa l-kap tal-uffiċjali tekniċi fi ħdan l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Ix-xhud qal li l-Awtorità kienet ġiet infurmata b'dan l-inċident mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, iżda dan kien xi żmien wara li seħħ l-inċident, u għalhekk ma laħqitx għamlet l-investigazzjoni tagħha għaliex kien laħaq għadda ż-żmien. Ix-xhud qal li lill-Awtorità kien irriżultalha li dan kien inċident bejn żewġ vetturi, iżda l-Awtorità ma rċeviet l-ebda informazzjoni oħra dwar dak li ġara. Ix-xhud żied jgħid li min iħaddem għandu obbligu jinforma lill-Awtorità bl-inċident fuq il-post tax-xogħol. Qal li meta persuna tiddaħħal l-Isptar, normalment ikunu l-awtoritajiet tas-saħħa li jinfurmaw lill-Awtorità li seħħ inċident fuq il-post tax-xogħol. Kompla jgħid li f'dan il-każ l-Awtorità però ma kienet irċeviet l-ebda informazzjoni, u lanqas l-attur ma kien avviċina lill-Awtorità sabiex jagħmel ir-rapport tiegħu dwar dak li kien ġara.

Permezz ta' nota ppreżentata fit-3 ta' Diċembru, 2018[15], l-attur ippreżenta prospett tad-danni sofferti minnu. Minn dan il-prospett jirriżulta li l-attur m'għandu l-ebda pretensjoni għall-ħlas ta' danni materjali u jgħid li huwa

---

[13] *A fol.* 92 tal-proċess.
[14] *A fol.* 93 tal-proċess.
[15] *A fol.* 104 tal-proċess.

rkupra dawn l-ispejjeż permezz ta’ skema tal-assigurazzjoni. L-attur ippreżenta wkoll kopji tal-formuli tal-FS3 mis-sena 2014 sas-sena 2017 bħala prova tal-introjtu tiegħu mill-impjieg.[16]

Waqt l-udjenza tat-3 ta’ Diċembru, 2018, xehed il-konvenut **Carmel Camilleri**[17], li qal li dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta’ dawn il-proċeduri huwa kien qiegħed jaħdem bħala sewwieq fil-Malta Freeport fuq ix-*shift* ta’ billejl, u kien qiegħed isuq *truck* tal-*containers.* Qal li t-triq li kien għaddej minnha fil-ħin tal-inċident kienet imħarbta kollha u bla dawl. Qal li t-*truck* li kien qiegħed isuq ma jtellgħax veloċità għolja, u kien għaddej b’veloċità ta’ madwar tletin kilometru fis-siegħa. Għall-mistoqsija jekk hu rax xi ħaġa ġejja mid-direzzjoni opposta, ix-xhud wieġeb li ma jiftakarx.

Il-konvenut **Carmel Camilleri** kompla jagħti d-depożizzjoni tiegħu waqt l-udjenza tas-16 ta’ Jannar, 2019[18], fejn qal li apparti x-xogħol fil-Freeport, huwa kien jaħdem ukoll fil-ġebel, iżda dan ix-xogħol kien jagħmlu biss sa nofsinhar. Qal li biex kien imur jaħdem fil-ġebel huwa kien iqum fis-sitta ta’ filgħodu imma l-għada li seħħ l-inċident huwa ma kienx xogħol.

Il-kontroeżami tal-attur sar waqt l-udjenza tal-11 ta’ Frar, 2019[19], fejn qal li huwa mar għand il-Professur Galea Debono tliet darbiet wara li seħħ l-inċident. L-attur qal li huwa għadu jaħdem fil-Freeport, u għadu jagħmel l-istess xogħol li kien jagħmel qabel.

---

[16] *A fol.* 106 *et seq.* tal-proċess.
[17] *A fol.* 119 tal-proċess.
[18] *A fol.* 124 tal-proċess.
[19] *A fol.* 131 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tal-11 ta' Marzu, 2019 xehed **Dr Anthony Galea Debono**[20], li qal li huwa eżamina lill-attur darbtejn, u l-ewwel darba li rah kien stabbilixxa rata ta' debilità permanenti li kienet waħda temporanja. Ix-xhud spjega li bħala prassi huwa ma jirrilaxxax rapporti dwar id-debilità permanenti sofferta minn individwu qabel tkun għaddiet sena minn meta jkun seħħ inċident. Qal li f'dan il-każ, l-ewwel darba li eżamina lill-attur dan kien ġie għall-vista waħdu, filwaqt li t-tieni darba kien ġie mal-mara tiegħu, li tat aktar dettalji dwar il-problemi li kien qiegħed isofri minnhom l-attur konsegwenza tal-inċident. Ix-xhud qal li fit-tieni rapport huwa ħa inkonsiderazzjoni l-informazzjoni li tagħtu l-mara tal-attur. Qal li l-*post concussion syndrome* tippreżenta għadd ta' sintomi, li wħud minnhom huma suġġettivi. Qal li meta tkellem mal-mara tal-attur, din kienet infurmatu li l-memorja tal-attur kienet naqset sostanzjalment, u dan il-fatt kien ġie innutat ukoll mill-kollegi tal-attur. Ix-xhud spjega li l-attur kien qiegħed jirrepeti lilu nnifsu u ma kienx qiegħed jiftakar x'risposti kien jingħata għad-domandi tiegħu. Ix-xhud qal li f'każ li s-sintomi tal-*post concussion syndrome* jibdew jonqsu maż-żmien, dawn jonqsu fl-ewwel ftit xhur wara li jseħħ l-inċident, u f'każ li ma jkun hemm l-ebda titjib fil-kundizzjoni tal-persuna sa sena wara li jseħħ l-inċident, il-probabbilità hija li dan mhux se jkollu titjib fil-kundizzjoni ta' saħħtu. Ix-xhud spjega li fejn jidħlu problemi neuroloġiċi, is-sintomi li jippreżenta bihom individwu huma suġġettivi, u għalhekk huwa kellu joqgħod fuq dak li kienu qalulu l-attur u l-mara tiegħu sabiex wasal għall-konklużjonijiet tiegħu.

Waqt l-udjenza tal-5 ta' April, 2019, xehed **Stephen Calleja**[21], li qal li huwa *operations manager* fil-Malta Freeport Terminals. Qal li l-attur huwa wieħed

[20] *A fol.* 142 tal-proċess.
[21] *A fol.* 149 tal-proċess.

mill-operaturi tal-inġenji li jintużaw fil-bitħa tal-Freeport, fosthom *lifters* u RTGs. Ix-xhud spjega li l-ħaddiema jiġu infurmati li jkunu qegħdin jissejħu għax-xogħol minn ġurnata qabel, u hekk kif jidħlu xogħol dawn jiġu assenjati t-tagħmir jew l-inġenji li jkunu mistennija jaħdmu bihom, u jintalbu jimxu mal-istruzzjonijiet li jingħatawlhom. Ix-xhud qal li huwa qatt ma rċieva kummenti negattivi dwar il-mod kif jaħdem l-attur. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ix-xhud qal li l-atteġġjament tal-attur fuq il-post tax-xogħol ma nbidilx wara li seħħ dan l-inċident, u l-attendenza tiegħu tista' titqies li hija waħda normali.

L-espert mediku maħtura mill-Qorti, **Dr Josanne Aquilina**, ippreżentat ir-rapport tagħha fit-30 ta' April, 2019[22], fejn qalet li hija eżaminat lill-attur fil-21 ta' Marzu, 2019 fl-Isptar Mater Dei. L-espert mediku ġudizzjarju qalet li waqt dan l-eżami, l-attur spjegalha kif seħħ l-inċident inkwistjoni, u qalilha li huwa għadu sal-lum iħoss uġigħ fuq in-naħa tal-lemin ta' rasu, u l-mara tiegħu kienet qaltilha li dan sar jinsa, minkejja li m'għandux problemi jagħmel l-istess xogħol li kien jagħmel qabel. L-espert mediku ġudizzjarju qalet li l-eżami konjittiv li hija għamlet fuq l-attur kien normali, u l-eżamijiet tan-nervituri kranjali, tal-għonq, tas-sensazzjoni, tal-wiċċ, tad-dirgħajn u tar-riġlejn kollha kienu normali, u hija ma setgħet tikkonstata li kien hemm l-ebda inxif ta' muskoli u li l-ko-ordinazzjoni tal-attur kienet normali wkoll. Hija qalet li s-CT scan li sar fuq l-attur huwa normali wkoll. Dr Aquilina waslet għall-konklużjoni li l-attur qiegħed ibati minn sindrome post-konkussjonali li twassal għal debilità permanenti ta' tnejn fil-mija (2%).

---

[22] *A fol.* 154 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tas-6 ta' Novembru, 2019, xehed l-**Inġinier Brian Gafa**[23], li qal li huwa jaħdem bħala *mechanical engineer* fil-Malta Freeport Terminals Limited, u f'dan ir-rwol huwa jieħu ħsieb ukoll trakkijiet, *trailers, empty handlers* u *stackers,* li jintużaw għax-xogħol fil-Freeport. Qal li huwa jieħu ħsieb jassigura li l-manutenzjoni meħtieġa ta' dawn l-inġenji ssir fil-ħin u jara li jsiru t-tiswijiet u jqassam il-ħaddiema skont ix-xogħol meħtieġ. Ix-xhud qal li huwa għadu jiftakar l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Qal li t-*truck* inkwistjoni kien jiflaħ jiġbed warajh sa ħamsa u sittin tunnellata, u dan jista' jtella' veloċità biss sa tmintax-il mil fis-siegħa, jew ftit anqas minn tmienja u għoxrin kilometru fis-siegħa. Qal li l-*empty handler* jista' jiġbed massimu ta' disgħin tunnellata, u l-veloċità massima tiegħu hija ta' sbatax-il mil fis-siegħa. Qal li l-*lifter* huwa kbir ħafna meta kkomparat mat-*truck*, u filwaqt li l-*lifter* jiżen madwar ħamsin tunnellata, it-*truck* jiżen madwar disa' tunnellati biss. Ix-xhud qal li huwa eżamina l-inġenji li kienu involuti fl-inċident, peress li dawn għadhom jintużaw, u qal li wieħed ma jistenniex li jkun hemm ħsara fuq il-*lifter* minħabba fid-daqs tiegħu. Ix-xhud qal li fil-fatt wara l-inċident kien hemm il-bżonn li ssir manutenzjoni fuq it-*truck*, filwaqt li rriżultalu li ma saru l-ebda tiswijiet fuq il-*lifter.* Ix-xhud spjega li t-*truck* inkwistjoni ma jtellax veloċità ta' aktar minn tmintax-il mil fis-siegħa, u qal ukoll li għall-ebda raġuni ma jista' jtella' veloċità aktar minn hekk.[24]

Waqt l-udjenza tal-4 ta' Diċembru, 2019, sar il-kontroeżami tal-attur, li qal li t-*truck* li kien qiegħed jinstaq mill-konvenut kien għaddej bl-ogħla veloċità li dan it-*truck* seta' jinstaq biha. Minkejja dan, qal li ma jafx kemm huwa l-massimu tal-veloċità li dan it-*truck* jista' jinstaq bih, imma qal li jaf li l-inġenji kollha li

[23] *A fol.* 162 tal-proċess.
[24] Ix-xhud ippreżenta l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-inġenji involuti fl-inċident, li jinsabu *a fol.* 169 tal-proċess.

jintużaw fil-Freeport għandhom il-veloċità tagħhom aġġustata. L-attur qal li mal-impatt huwa ma ntilifx minn sensih, iżda beda jintilef minn sensih meta ttieħed fil-klinika tal-Freeport u ratu l-infermiera. Qal li wara l-impatt huwa kellu xokk, u wara li kienet ratu l-infermiera fil-klinika, huwa kien ittieħed iċ-ċentru tas-saħħa sabiex isirulu xi punti. Qal li wara l-inċident huwa beda jsofri minn uġigħ ta' ras frekwenti u minn disturbi fil-memorja. L-attur spjega li meta jkun fuq il-post tax-xogħol u jħoss l-uġigħ, huwa jieħu l-mediċina biex itaffi l-uġigħ. Huwa qal ukoll li dawn il-problemi mhumiex jaffettwawh fuq ix-xogħol, minħabba li fuq il-post tax-xogħol huwa jkun iggwidat minn *monitor* li jgħidlu eżatt fejn irid imur.[25]

Il-kontro-eżami ta' **Charles Tanti** sar waqt l-udjenza tal-4 ta' Diċembru, 2019[26], fejn għal darb'oħra kkonferma li fil-ħin tal-inċident huwa kien qiegħed isuq wara l-konvenut Charlie Camilleri. Ix-xhud qal li dakinhar ma kienitx xita u qal li l-pavimentar tal-art kien bit-*tarmac,* għalkemm qal li ma jafx jekk kienx hemm xi sinjali fl-art. Ix-xhud qal ukoll li t-triq fejn seħħ l-inċident hija waħda mdawla.

Waqt l-udjenza tal-4 ta' Diċembru, 2019, xehdet **Joanna Calleja**[27], li qalet li hija uffiċjal fit-taqsima tar-riżorsi umani tal-Freeport, u qalet li l-attur kien jieħu *sick leave* kemm qabel seħħ l-inċident, kif ukoll wara. Hija qalet li hija qatt ma kienet konxja ta' xi problemi ta' saħħa li seta' kellu l-attur. Ix-xhud spjegat li minkejja li lilha rriżultalha li l-attur żar il-klinika li hemm fil-Freeport

---

[25] Fi kliem l-attur, "Għandna l-*monitor* u jiggwidak hu. Issa l-*monitor* qiegħed jgħidlek liema *stack,* hemmhekk l-*istacks* qegħdin *in alphabet,* liema *bay* bin-*numbers,* liema *row* minn *row* 1 sa 6 u plus hekk jgħidlek LXE jekk jiġi fir-row 1 l-ewwel wieħed jitqiegħed *Alpha,* jiġifieri l-*monitor* qiegħed jispjegalek b'mod speċifiku li biex ħa ngħidu hekk, biex tieħu żball trid tkun vera negliġenti. ... Ġieli kienu jgħiduli, ġieli nkun qed insuq ċertu *lifter* u jgħiduli isma' mur taħt il-*crane twenty* xi ħaġa, ġieli nibda ngħid għall-argument, hemm *crane* eżempju *twenty-nine,* qiegħed *Terminal 2.* Ngħid dan fejn qiegħed eżatt u ngħidlu isma', liema naħa qiegħed ta' *Terminal 2* fuq iċ-*channel* jew inkella jgħidli isma' QC29, nibqa' ngħidha ġo moħħi QC29, QC29. Jien nipprova nillimita l-problema li għandi għax ix-xogħol tiegħi huwa l-ħobża ta' kuljum."

[26] *A fol.* 187 tal-proċess.

[27] *A fol.* 189 tal-proċess.

darbtejn wara li seħħ l-inċident, huwa qatt ma mar il-klinika għax kellu uġigħ ta' rasijiet jew sturdamenti.

**Konsiderazzjonijiet legali**

F'kawżi ta' din ix-xorta, fejn il-Qorti hija ffaċċjata b'talba għal dikjarazzjoni ta' responsabbilità għall-inċident, u b'talba għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti mill-attur, il-Qorti sejra tibda biex tindirizza t-talbiet tal-attur billi tagħmel analiżi tal-provi miġjuba, sabiex tistabbilixxi jekk fl-ewwel lok, il-konvenuti jew min minnhom għandhomx jinżammu responsabbli għall-inċident inkwistjoni. Il-Qorti semgħet lill-attur jispjega kif l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ waqt li huwa kien qiegħed jaħdem fix-*shift* ta' bil-lejl, u kien qiegħed isuq *empty handler,* ġie *truck* mid-direzzjoni opposta, li kien qiegħed jinstaq mill-konvenut Carmel Camilleri, li baqa' dieħel fih. L-attur spjega kif il-konvenut ma naqqas xejn mill-veloċità li kien għaddej biha, u qal li l-konvenut ma kienx rah għaliex ma ppruvax jevitah, bil-konsegwenza li seħħ impatt bejn iż-żewġ vetturi misjuqa mill-partijiet. Konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attur sofra feriti f'rasu u kellu jmur iċ-ċentru tas-saħħa sabiex isirulu xi punti, filwaqt li minn eżami li sarlu minn neurologu *ex parte*, ġie stabbilit li l-attur għadu jsofri minn sindrome post-konkussjonali u minn disturbi fil-memorja.

Wieħed mix-xhieda li kien minn tal-ewwel fuq il-post, Joe Cutajar, uffiċjal tal-Freeport, qal li meta wasal fuq il-post huwa seta' jara li l-*lifter* misjuq mill-attur kien wieqaf u t-*truck* misjuq mill-konvenut li kien baqa' dieħel fih. Dan ix-xhud qal li huwa rnexxielu jitkellem mal-konvenut Carmel Camilleri fil-

mumenti ta' wara l-inċident, u dan qallu li kien bħal intilef minn sensih qabel seħħ l-inċident.

Xhud okulari li kien qiegħed isuq wara l-konvenut proprju fil-ħin li seħħ l-inċident, Charles Tanti, qal li jaħdem il-Freeport bħala *yard supervisor* u kien ra t-*truck* misjuq mill-konvenut "jisswervja" u jinvadi l-karreġġjata tal-attur fil-mumenti qabel seħħ l-impatt. Dan ix-xhud qal li l-konvenut kien "naqra *drowsy*", u għal aktar minn darba kkonferma li kien il-konvenut li żvijja waqt is-sewqan.

Mill-provi rriżulta wkoll li filwaqt li l-attur huwa impjegat ta' Malta Freeport Terminals Limited, il-konvenut huwa persuna *self-employed* li jagħti s-servizzi tiegħu fil-Freeport, u kien jagħmel dan ix-xogħol fuq bażi *part-time.* Jirriżulta wkoll li l-impjieg ewlieni tal-konvenut kien fix-xogħol tal-ġebel, u kien jagħmel dan ix-xogħol kmieni filgħodu, filwaqt li filgħaxija kien jirraporta għax-xogħol il-Freeport.

Waqt id-depożizzjoni tiegħu, il-konvenut qal li t-triq fejn seħħ l-inċident hija waħda imħarbta u mudlama, u kkonferma dak li qal l-inġinier tal-Freeport, li l-vettura li kien qiegħed isuq hu hija waħda li għandha l-veloċità aġġustata sabiex ma ttellgħax veloċità għolja.

Tqis illi mill-provi jirriżulta mingħajr dubju li l-inċident inkwistjoni seħħ għaliex il-konvenut Carmel Camilleri, għal xi raġuni waqt li kien qiegħed isuq, tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu, bir-riżultat li żvijja u invada l-karreġġjata li kien għaddej minnha l-attur. Jirriżulta wkoll li l-konvenut wera nuqqas kbir ta' attenzjoni fis-sewqan, għaliex minkejja li l-attur kien ġej mid-direzzjoni opposta, il-konvenut ma naqqas xejn mill-veloċità li kien għaddej biha u bl-

ebda mod ma pprova jevita lill-attur. Jirriżulta li l-konvenut mhux impjegat tal-Malta Freeport, iżda fiż-żmien meta seħħ l-inċident kien jaħdem hemmhekk fuq bażi *part-time,* filwaqt li filgħodu kien jaħdem fil-ġebel. Xhieda li waslu fuq il-post tal-inċident ftit ħin wara li seħħ l-impatt, ilkoll xehdu li wara l-inċident il-konvenut qalilhom li fil-mumenti qabel seħħ l-inċident huwa kien intilef minn sensih, filwaqt li xhud ieħor qal li l-konvenut deher "naqra *drowsy*", u probabbilment kien għalhekk li dan baqa' dieħel fil-vettura misjuqa mill-attur.

Tqis li l-konvenut Carmel Camilleri għandu responsabbilità x'iġorr għall-inċident mertu tal-kawża, minħabba n-nuqqas ta' attenzjoni murija minnu fis-sewqan, kif jirriżulta ampjament mill-provi u minn dak li ntqal mix-xhieda li kienu fuq il-post. Minn dak li jirriżulta mill-provi, dan l-inċident ma kienx iseħħ li kieku l-konvenut wera aktar attenzjoni, il-*proper lookout* rikjest sabiex wieħed jevita li jkollu inċidenti bħal dawn. Minflok *proper lookout* il-konvenut qal lil Joe Cutajar li wasal fuq il-post ftit tal-mumenti wara l-inċident, li huwa ħassu qiegħed jintilef minn sensih, aktarx frott l-għejja u l-fatt li huwa kien ilu sigħat twal jaħdem, l-ewwel fix-xogħol tal-kostruzzjoni, imbagħad bħala sewwieq fil-Freeport, żewġ impjiegi li l-konvenut iddeċieda li jagħmel fl-istess żmien, li iżda li jirrikjedu ħafna attenzjoni minħabba fin-natura tal-periklu li jinvolvu.

Jifdal għalhekk li din il-Qorti tistħarreġ jekk il-Malta Freeport Terminals Limited għandhiex tinżamm responsabbli hija wkoll għall-inċident. Fid-depożizzjoni tiegħu l-konvenut qal li t-triq fejn seħħ l-inċident hija waħda imħarbta u mudlama, għalkemm dan kien kontradett minn xhieda oħra li qalu li t-triq fejn seħħ l-inċident hija waħda pavimentata u mdawla tajjeb. In vista ta' dawn il-kontradizzjonijiet, il-Qorti eżaminat ir-ritratti esebiti in atti, *a fol.*

84 *et seq.* tal-proċess, minn fejn jirriżulta li għalkemm il-kundizzjoni tal-wiċċ tat-triq fejn seħħ l-inċident hija waħda tajba u hija pavimentata, it-triq innifisha hija waħda mudlama u d-dawl li hemm fit-triq huwa batut. Tqis illi din ż-żona tal-Freeport fejn seħħ l-inċident jgħaddu minnha diversi inġenji kbar fil-ħinijiet kollha tal-ġurnata, u mhux aċċettabbli li hemmhekk is-sistema tad-dawl tkun waħda batuta. Ċertament li dan mhux ambjent ideali biex fih isir xogħol tul il-lejl, u lanqas m'huwa ambjent li jassigura li s-sewwieqa tal-inġenji li jkunu għaddejjin mill-inħawi, ikunu jistgħu jaraw l-ostakoli kollha li jista' jkun hemm fit-triq. Jirriżulta wkoll, minn dawn ir-ritratti, li m'hemm l-ebda sinjali mal-art jew xi forma ta' *barriers* li jindikaw il-karreġġjati opposti f'din iż-żona, u għalhekk sewwieq irid joqgħod ferm attent li jżomm man-naħa tat-triq tiegħu sabiex jevita inċident. Dan in-nuqqas huwa aċċentwat aktar mill-fatt li ż-żona hija nieqsa minn sistema adegwata ta' dawl, u l-Qorti hija tal-fehma li l-konvenuta Malta Freeport Terminals Limited għandha twieġeb għal dawn in-nuqqasijiet fuq il-post tax-xogħol, 'il għaliex ma jirriżultax li din aċċertat ruħha li f'din iż-żona partikolari tal-Freeport hemm *a safe place of work* għall-ħaddiema. Il-Qorti tiġbed l-attenzjoni tas-soċjetà konvenuta li dan huwa post fejn spiss isiru inċidenti li jkunu jinvolvu l-ħaddiema tagħha, u meta jkun hemm kawżi bħal dawn, il-Qorti tħossha fid-dmir li tiġbed l-attenzjoni dwar dawn in-nuqqasijiet bit-tama li s-sitwazzjoni tiġi rimedjata u inċidenti bħal dawn ma jibqgħux jirrepetu ruħhom.

Il-Qrati tagħna ppronunzjaw ruħhom diversi drabi dwar l-obbligi li għandu min iħaddem. F'deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Fenech et *vs.* Chairman tal-Malta Drydocks et**[28], intqal illi:

[28] 03.12.2010

> "Dwar in-natura tad-dmir impost fuq min iħaddem, il-Qrati tagħna ripetutament jinsistu fuq id-dmir ta' min iħaddem li jipprovdi '*a safe place of work*' iżda rari kienu jidħlu fil-kwistjoni jekk in-nuqqas ta' min iħaddem li hekk jipprovdi jkunx aġir bi ksur ta' obbligu kuntrattali jew aġir delittwali. Li hu żgur hu li l-Qrati tagħna dejjem jitkellmu fuq 'doveri' u 'obbligazzjonijiet' ta' min iħaddem, bħallikieku fuq dan hemm rabta kuntrattwali mal-ħaddiem li jipproteġieh. Fil-kawża **Sultana *vs* Spiteri** deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fiit-28 ta' Mejju, 1979, ġie osservat li min iħaddem għandu d-dover li jara li l-post tax-xogħol ikun dejjem fi stat raġonevoli ta' sigurezza għal min ikun qed jaħdem, obbligu speċifiku u determinat li donnu joħroġ mill-isfera tal-kunċett ta' *neminem laedere*, involut fir-responsabbilità taħt delitt u kważi-delitt. Il-Qrati tagħna espandew fuq dan l-obbligu ta' min iħaddem, u jinsistu fuq id-dover tiegħu li jipprovdi attrezzi u makkinarju sikur, post tax-xogħol nadif u ħieles minn perikolu, stħarriġ u superviżjoni tal-ħaddiema, manutenzjoni regolari fuq kull biċċa magna, u diversi obbligi relatati marbuta man-natura tax-xogħol (ara per eżempju il-kawża **Galea *vs* Meilaq noe**, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2007). Intqal ukoll li huwa dmir ta' min iħaddem "*to provide a safe system of work, and that in planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work"* – **Borg *vs* Wells noe**, deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta' Settembru 1981. Minn dan jidher li malli jiġi ffirmat kuntratt ta' impjieg bejn min iħaddem u l-ħaddiem, jitwieled f'tal-ewwel obbligu li jieħu ħsieb l-inkolumità tal-ħaddiem, b'mod li dan l-obbligu jista' jitqies bħala parti mit-termini tal-istess kuntratt."

Illi kif kellha l-okkażjoni tippronunzja ruħha din il-Qorti fid-deċiżjoni li tat fl-ismijiet **Philip Vassallo *vs* Malta Freeport Terminals**[29],

> "... appena jiġi pattwit kuntratt ta' impjieg, jiskattaw l-effetti ta' bosta liġijiet li jħarsu lill-ħaddiem, fosthom ... dawk dwar is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Għalkemm jiskattaw fil-kors ta' kuntratt ta' impjieg, dawn ir-regoli jistgħu jkunu fonti ta' danni extra-kuntrattwali jew delittwali, li jistgħu jkunu wkoll konkorrenti mad-danni kuntrattwali.
>
> Skont l-Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili, "Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr il-ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa **li biha jikser xi dmir impost mil-liġi,** hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."

[29] 21.03.2016.

Ir-regola ġenerali in tema extra-kuntrattwali, li ilha stabbilita fil-Kodiċi Ċivili hi li "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li ssir bi ħtija tiegħu." (Artikolu 1031). Ikun fi ħtija min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, iżda ħadd ma jwieġeb għal nuqqas ta' grad ikbar ta' diliġenza (Artikolu 1032).

Anki fil-qasam tax-xogħol, kwalsiasi azzjoni (pożittiva jew negattiva) jew forma ta' kondotta assunta trid tkun ippernjata fuq il-prudenza u d-diliġenza tal-*bonus paterfamilias*. Għandha tkun akkumpanjata wkoll minn dak il-buon sens li ż-żmien, il-mument u s-sitwazzjoni partikolari jkunu jirrikjedu jew ikunu jiddettaw. Din hija l-bażi preventiva li l-liġi tagħna tiġbor fiha u dan sabiex tbiegħed lill-persuna mill-ħsara, anke għal dak li jirrigwarda ħsara potenzjali.

Illi l-ġurisprudenza Ingliża ukoll tagħraf li fil-każ ta' korriment fuq il-post tax-xogħol, huma applikabbli kemm il-kuntratt ta' impjieg kif ukoll il-liġi delittwali, billi dawn jirkbu fuq xulxin u fil-fatt illum il-ġurnata jista' jitqies li fil-kuntratt ta' impjieg hemm patt impliċitu li min iħaddem għandu jipprovdi post tax-xogħol sikur għall-ħaddiem:

*'The relationship itself of employer and employee is necessarily based upon contract but it has been the subject of some controversy in the past whether the common law duties regarding the employee's safety, are contractual duties or lie in tort. Because of the closeness of the relationship between employer and employee, as well as its very nature, there really can be no doubt today that a duty of care does arise under the general law of tort, as expressed in* ***Donoghue vs Stevenson (****1932 A.C. 562). In* ***Davie vs New Merton Board Mills Ltd.,*** *(1959, A.C. 604) Viscount Simonds considered that, although liability primarily was to be regarded as having arise in tort, it could also be based on implied terms contained in the contract of employment.' –* ***Charlesworth & Percy on Negligence*** *(Ninth Edition, 1997).'*

Illi fil-qasam tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, fl-1 ta' Mejju, 2001 daħal fis-seħħ l-Att XXVII tas-sena 2000 (illum Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta) li bena fuq il-liġijiet u regolamenti li diġà kien hemm qabel. Bis-saħħa ta' dan l-Att, ġie ippubblikat fost ħafna regolamenti oħrajn, l-Avviż Legali 36 tal-2003 imsejjaħ 'Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol', li huwa korp ta' regolamenti ta' importanza kbira fil-qasam tax-xogħol.

Illi l-Att imsemmi jikkodifika prinċipji u dmirijiet ġenerali li għandhom jirregolaw dan il-qasam u biex jenfasizza l-importanza tiegħu jistqarr li, 'Il-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol għandha titqies bħala materja ta' interess pubbliku.' (Artikolu 4(1)).

Illi l-Artikolu 4(2) jelenka dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li fuqhom għandhom jiġu imfasslin il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol:

(a) Li jiġi evitat riskju;

(b) L-identifikazzjoni ta’ perikli assoċjati max-xogħol;

(c) L-evalwazzjoni ta’ dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;

(d) Il-kontroll mill-bidu ta’ dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;

(e) Li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż bdak li ma jkunx perikoluż jew li jkun inqas perikoluż;

(f) Billi tingħata priorità lill-miżuri ta’ protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta’ protezzjoni individwali;

(g) Li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x’jaqsam mal-iddisinjar ta’ postijiet tax-xogħol, l-għażla ta’ tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta’ metodi ta’ produzzjoni u ta’ xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta’ xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;

(h) Billi wieħed jadatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u

(i) Billi tiġi żviluppata policy ta’ prevenzjoni globali u loġika li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta’ xogħol, il-kundizzjonijiet ta’ xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta’ fatturi li għandhom x’jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol.”

Huwa ċar għalhekk li quddiem dawn iċ-ċirkostanzi, il-konvenuti għandhom jinżammu solidalment responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża, u għandhom jagħmlu tajjeb b’mod solidali għad-danni sofferti mill-attur.

*Damnum Emergens:*

Fil-prospett tad-danni ppreżentat minnu bħala prova, l-attur qal li huwa m’għandu l-ebda pretensjoni għad-danni materjali sofferti minnu, peress li

huwa rkupra dawn l-ispejjeż permezz ta' skema tal-assigurazzjoni li huwa għandu.

*Lucrum Cessans:*

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[30], il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[31], ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' disgħa u tletin (39) sena, li hija l-età li kellu l-attur fis-sena 2015, il-*multiplier* adottat ikun ta' 20, tenut kont li

[30] P.A., 18.02.2013.
[31] P.A., 27.04.2005.

persuna fl-età tal-attur huwa mistenni jaħdem almenu sakemm ikollu ħamsa u sittin sena sabiex jilħaq età pensjonabbli. F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjuġi Restall**[32], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler *vs* Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
>
> …
>
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler *vs* Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Il-Qorti sejra tibbaża ruħha fuq id-dħul tal-attur fl-2014, is-sena ta' qabel seħħ l-inċident, għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel. Id-dħul gross tal-attur fis-sena 2014 kien ta' €32,986.87[33], u meta wieħed inaqqas it-taxxa fud id-dħul li kienet tammonta għal €5,668 u l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali li kienu jammontaw għal €1,899.38, wieħed jasal għal dħul nett ta' €25,419.49. Is-salarju tal-attur għas-sena 2014 irid jiġi aġġustat abbażi tal-għoli tal-ħajja

[32] P.A., 10.05.2005.
[33] *A fol.* 106 tal-proċess.

għall-perijodu kollu tal-*multiplier*[34], sabiex b'hekk id-dħul bażiku li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-Qorti huwa ta' €25,419.49 + €31,007.71[35] / 2 = €28,213.60. Huwa dan l-ammont ta' salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

Fil-każ odjern ġie stabbilit mill-esperti mediċi li eżaminaw lill-attur wara l-inċident, li dan qiegħed isofri minn żewġ tipi ta' debilitajiet permanenti, dik neuroloġika u dik estetika. Hemm diskrepanza bejn ir-rata ta' debilità permanenti li wasal għaliha l-espert mediku *ex parte,* u r-rata ta' debilità permanenti li waslet għaliha l-espert mediku ġudizzjarju Dr Josanne Aquilina. Il-Qorti ser tkun qiegħda tadotta l-peċentwal ta' debilità permanenti li waslet għalih l-espert mediku ġudizzjarju għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel, u dan in vista tal-fatt li din kienet l-espert mediku li eżaminat lill-attur l-aħħar. L-espert mediku ġudizzjarju waslet għall-konklużjoni li l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti neuroloġika ta' tnejn fil-mija (2%), filwaqt li hemm ukoll debilità permanenti ta' wieħed fil-mija (1%) mill-aspett estetiku.

F'deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Brian Micallef *vs.* Brian Tyre Services et**[36], il-Qorti qalet hekk dwar il-ħtieġa li jiġi stabbilit il-*weighted average* fejn persuna ssofri aktar minn debilità waħda konsegwenza ta' l-istess inċident:

> "Skont il-ġurisprudenza meta persuna ssofri diversi gradi ta' diżabilità permanenti għandu jiġi adoperat il-kriterju magħruf bħala *weighted average,* fejn id-diversi gradi ta' diżabilità permanenti riżultanti jiġu kkunsidrati in relazzjoni mal-persuna

[34] F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*."

[35] Il-Qorti qieset li r-rata tal-inflazzjoni medja għas-snin 2014-2018 kienet ta' 0.92% (0.31 + 1.10 + 0.64 + 1.37 + 1.16 / 5 = 0.92). Sors: Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

[36] 31.01.2014.

fiżika sħiħa mingħajr ebda preżunzjoni *a priori* li l-multipliċità tal-feriti jiġu komputati komplessivament. Bil-*weighted average,* għandu jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat (**Cassar Pullicino noe et *vs* Xuereb et, App. 20.02.2009).**"

F'deċiżjoni fl-ismijiet **Frendo *vs* Cachia**[37], il-Qorti qalet illi:

"Dak li jrid jiġi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapaċità fis-sens purament mediku, iżda l-effetti li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-attur danneġġjat."

Mill-kalkolu li għamlet il-Qorti, il-*weighted average* tad-debilitajiet permanenti sofferti mill-attur jagħtu debilità permanenti totali ta' 2.98%.[38]

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża nfetħet fis-sena 2015 u d-deċiżjoni ser tkun qiegħda tingħata mingħajr ma jirriżulta li kien hemm titubar jew delungar intenzjonat da parti ta' xi waħda jew oħra mill-partijiet.

Is-salarju medju ta' €28,213.60 x *multiplier* ta' 20 x 2.98% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €16,815.31 li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* tiġi €13,452.24. Dan huwa l-*lucrum cessans*

[37] P.A., 20.04.2009.

[38] Il-formula li ntużat mill-Qorti sabiex ġie stabbilit il-*weighted average* hija (100-M)/100 x m + M ('M' hija l-ogħla rata ta' diżabilità stabbilita, dik ta' 2% mil-lat neuroloġiku, filwaqt li 'm' hija l-inqas rata ta' diżabilità, dik ta' 1% mil-lat estetiku).

likwidat mill-Qorti, liema danni l-Qorti qiegħda tistabbilixxi li jridu jitħallsu mill-konvenuti *in solidum* lill-attur.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta;**
2. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut Carmel Camilleri;**
3. **Tilqa' t-talbiet tal-attur, u tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli *in solidum* bejniethom għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri;**
4. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' tlettax-il elf, erba' mija u tnejn u ħamsin Euro u erba' u għoxrin ċenteżmu (€13,452.24), li għandhom jitħallsu mill-konvenuti solidalment bejniethom.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**